# Dehra Ġdida lill-Vara tal-Monument

## Ir-Renovazzjoni Tlestiet għall-Purċissjoni ta' l-2007

Kumitat Ġimgħa l-Kbira



*Dehra tal-Monument renovat.* *(Ritratt: J.F. Grima)*

Vara li nsibuha fil-purċissjonijiet kollha tal-Ġimgha l-Kbira f'Malta u Għawdex hi dik ta' *Ġesù Mejjet*, jew kif inhi popolarment magħrufa, *il-Monument*. Għajr għal xi żewġ eċċezzjonijiet li juru t-trasport ta' Ġesù f'liżar lejn il-qabar,[1] din il-vara ġeneralment tikkonsisti f'urna rikka, x'aktarx b'erba' anġli fil-kantunieri, u faldrappa rikka li twassal sa l-art. Dan hu l-*Monument* originali kif insibuh fil-purċissjonijiet l-antiki u tat-tip li kitbu dwaru, fid-deskrizzjoni tagħhom dwar il-purċissjoni tal-Belt, l-Olandiż Johan Meerman fl-1792[2] u l-Ingliż George Percy Badger fl-1838.[3]

Il-Monument tal-purċissjoni qormija hu tat-tip oriġinali u hi ħaġa ċerta li minn dejjem kien hekk, tant li għad baqa' xi oġġetti li kienu jagħmlu parti mill-*Monument* tas-seklu tmintax, jiġifieri taż-żmien li kiteb dwaru Johan Meerman. Fil-mużew tal-knisja parrokkjali hemm faldrappa, żewġ anġli , statwa ta' Kristu mejjet u xi fdalijiet – partikolarment bċejjeċ ta' kuruna ndurata – mill-urna ta' dak iż-żmien. Hu dokumentat li, fl-1782, kienet saret urna ġdida għall-*Monument*, xogħol ta' Felice Zahra, li kien ħu l-pittur magħruf Francesco Zahra. Il-kuntratt tax-xogħol kien sar għand in-Nutar Giuseppe Bonavita fit-18 ta' Mejju 1782, fi ftehim bejn l-imgħallem Zahra u l-prokuratur tal-purċissjoni l-ispiżjar Stanislao (Slaw) Gatt, li kien jinkludi l-prezz ta' 100 skud u ż-żmien meta kellu jitlesta: sitt xhur mid-data tal-kuntratt.[4] Dan ifisser li din l-urna iżżanżnet fl-1783.

Maż-żmien, sar tibdil fil-*Monument*.

L-urna preżenti mhix xogħol daqstant antik – iċ-ċelu bl-induratura tiegħu hu xogħol Taljan, anzi Sqalli, ta' madwar 60 sena ilu[5] – u l-korp ta' Ġesù mejjet hu ta' awtur mhux magħruf. L-erba' anġli ta' ma' l-urna jingħad li huma xogħol jew ta' Vincenzo Cremona jew ta' Kalċidon Mangion fis-seklu dsatax, iżda xejn m'hu magħruf eżatt dwar dan. Il-vara tintrama b'sett brazzi magħmulin apposta għaliha bis-simboli tal-Passjoni impittrin fuqhom.[6] Ftit snin ilu sarlu qafas tal-ħadid fuq ir-roti, xogħol ta' l-imgħallem qormi Ġorġ Zammit.

Minn xi snin 'il hawn nbeda x-xogħol ta' tibdil biex il-*Monument* jingħata dehra isbaħ u aktar rikka: disinji tal-pedestal u tar-rakkmu tal-panewijiet ta' Renzo Gauci ta' Ħal Tarxien; xogħol ta' l-injam mill-imgħallem qormi Lino Mangion; induratura b'*gold leaf* ta' 23.75 karat minn Arthur Vassallo tar-Rabat; rakkmu tad-deheb fuq bellus aħmar għal erba' panewijiet minn Marion Cefai tar-Rabat; skultura (biex tiġi ndurata) mill-imgħallem qormi Bastjan Cauchi; ħjata ta' faldrappa ġdida ta' bellus aħmar, purtieri tal-lama u ħjata ġenerali mill-qormin Lina Mangion u Sebastjana Fava; mensoli u tiswir ġenerali fuq disinji tad-disinjatur qormi Silvio Pace; u ko-ordinazzjoni ġenerali tax-xogħol minn Dun Pawl Genovese.[7] B'hekk, din il-vara issa tiġbed il-venerazzjoni u l-ġieħ mistħoqq lill-Mulej Tagħna Ġesù Kristu li bata', ssallab u miet biex ipatti għad-dnubiet ta' l-umanita' iżda mbagħad irxoxta glorjuż fid-Divinità Tiegħu.

---

1 Dawn jinstabu fil-Kattidral t'Għawdex u f'Raħal Ġdid.
2 A. Strickland (Editur), *Malta from The Hague in the 18th Century – Two Dutch Travel Journals*, The Hague 2005, pp. 118-9 (bl-Olandiż) u pp.135-6 (traduzzjoni bl-Ingliż).
3 G.P. Badger, *Description of Malta and Gozo*, Malta 1838 (Edizzjoni Faksimile 1989), pp. 99-100.
4 Arkivju Notarili Valletta, Reġistru tan-Nutar Giuseppe Bonavita, 18.v.1782. Dan il-kuntratt ġie riprodott f'J.F. Grima (Editur), *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja*, Malta 1984, pp. 145-6.
5 Komunikazzjoni verbali mis-Sur Emanuel Debono fil-5.iv.2007 li missieru Pawlu kien strumentali biex sar dan ix-xogħol.
6 J.F. Grima (1984), p. 103.
7 Mir-Registri tal-Minuti tal-Kumitat Ġimgħa l-Kbira, Ħal Qormi, *passim*.




# NISTEDINKOM

## TINGĦAQDU MIEGĦI!

**Ordinazzjoni Saċerdotali**

il-Ħadd 1 ta' Lulju fis-6:00pm, Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

**Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr – Dun Kevin Schembri**

il-Ġimgħa 20 ta' Lulju fis-6:30pm, Knisja Arċipretali, in-Naxxar